MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 332/2012

Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru Nru 36/2011 fl-ismijiet:

**Joseph Vella**

**Vs**

**Norman Zammit u Maria Theresa Zammit, u N. Zammit & Sons Limited (C-7577)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-6 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti N. Zammit & Sons Limited (C-7577) ppremettiet:

Illi fid-9 ta’ Jannar 2011 l-intimat Joseph Vella intavola dan il-mandat ta’ sekwestru kontra s-soċjeta’ rikorrenti.

Illi sal-lum il-ġurnata baqa’ qatt ma ressaq kawża kontra l-istess soċjeta’ rikorrenti.

Illi dan il-mandat ta’ sekwestru sar malizzjożament intiż biss biex jivvessa u jweġġa’ l-attivitajiet tas-soċjeta’ rikorrenti.

Illi legalment is-sekwestrant kien obbligat li jressaq il-kawża tiegħu *entro* 20 ġurnata mid-data tas-sekwestru.

Illi l-ħruġ ta’ dan il-mandat ikkaġuna danni lis-soċjeta’ rikorrenti u skreditaha inutilment ma’ diversi banek.

Illi *ai termini* tal-artikolu 836 (8) (a) din il-Qorti tista’ tordna lis-sekwestrant iħallas pernali ta’ mhux inqas minn €1164.69 u mhux iktar minn €6,988.12.

Illi s-soċjeta rikorrenti tħoss li dil-penali għandha tiġi applikata fil-massimu tagħha peress illi sekwestri mhux qegħdin hemm biex jiġu abbużati.

Għaldaqstant is-soċjeta’ rikorrenti titlob li dil-Qorti tapplika d-diskrezzjoni tagħha *ai termini* tal-Artikolu 836 (8) u tikkundanna lil Joseph Vella il-penali li jidhrilha xierqa l-Qorti *ai termini* tal-istess artikolu 836 (8) tal-Kap 12.

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Vella, ippreżentata fl-14 ta’ Marzu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-esponenti jopponi għat-talba ta’ N. Zammit & Sons Limited u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi qabel xejn għandu jiġi rilevat illi kontestwalment ma’ din ir-risposta qed jiġi ntavolat kontro-mandat pero’ limitatament għal N. Zammit & Sons Limited biss. Għalhekk umilment qed jiġi sottomess illi din il-Qorti m’għandhiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan ir-rikors.

Illi wara kollox minn riċerka li l-avukat sottofirmat għamel fir-Reġistru ta’ din il-Qorti rriżultalu li in segwitu tal-mandat odjern ma nqabdux flus tas-soċjeta’ rikorrenti u għalhekk din ma sofriet l-ebda preġudizzju.

Illi qabel xejn għandu jiġi spjegat illi dan il-mandat sar biex jikkawtela pretenzjoni tal-esponent li huwa kreditur ta' Norman u Maria Theresa konjuġi Zammit u Philip Zammit fl-ammont ta' €150,000 u dan skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitur datata 29 ta' Jannar 2011, u dan apparti pretenzjonijiet ulterjuri għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Dawn il-pretenzjonijiet kienu ġew dedotti fit-terminu f'kawża fl-ismijiet **"Joseph Vella u Fortudol Limited (C 30476) vs Philip Zammit, Norman Zammit u Maria Theresa Zammit"** (Ċit Nru: 150/11 MCH) differita għall-20 ta' Marzu 2012 fid-9 am. Din il-kawża kienet ġiet ippreżentata fis-16 ta' Frar 2011.

Illi meta l-esponent ġie biex jintavola l-mandat ta' sekwestru odjern kien sab illi s-sekwestrati l-oħra Zammit kienu taw *cheque* lill-esponent sabiex iħallsu parti mill-ammont dovut liema *cheque* pero' kien ġie *'returned to drawer'*. Dan iċ-*cheque* kien wieħed tas-soċjeta' N. Zammit & Sons Ltd. Meta ġiet intavolata l-kawża sussegwentement l-esponent kien irregola ruħu fis-sens illi deherlu li l-kawża kellha tiġi ntavolata kontra l-persuni li effettivament ġew ċitati bħala konvenuti.

Illi jiġi enfasiżżat pero' illi fl-ebda ħin ma l-esponent ġie interpellat dwar il-mandat odjern.

Illi finalment l-esponent jirrileva illi kif jirriżulta mill-anness Dok A li huwa maħruġ mis-sit elettroniku MFSA l-azzjonisti u d-diretturi tas-soċjeta' N. Zammit & Sons Ltd effettivament mhix topera għaliex addirittura ilha ma tippreżenta xi *accounts* jew dokumenti oħra l-MFSA mis-sena 2006.

Illi għalhekk jidher ċar illi r-rikors odjern huwa biss tentattiv sabiex is-sekwestrati Zammit jivvendikaw ruħhom mill-esponent tal-kawża illi dan intavola fil-konfront tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2012 fejn ir-rikors ġie differit għas-sentenza wara li l-Avukat tar-rikorrenti tratta r-rikors.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' rikorrenti qed titlob li Joseph Vella jigi kundannat iħallas penali lil-istess soċjeta *stante* li wara li huwa ntavola mandat ta' sekwestru fil-konfront tagħha naqas li jipproċedi ġudizzjarjament u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836 (8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-Qorti fil-fatt **tista'** tordna l-ħlas ta' din il-penali jekk *'ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi*.' – sub-inċiż (a).

Illi f'dan il-każ, kif jidher mill-okkju tal-atti, Joseph Vella ottjena l-ħruġ tal-mandat ukoll kontra l-konjużi Zammit li huma l-proprjetarji tal-azzjonijiet u diretturi tas-soċjeta' li qed titlob il-kundanna għall-ħlas tal-penali. Skond Vella dan ġara għaliex f'mument minnhom il-konjuġi Zammit kienu tawh *cheque* ta' din is-soċjeta' għall-ammont sostanzjali illi pero' ma ssarrafx. Għalhekk fir-risposta tiegħu huwa qal illi talab il-ħruġ tal-mandati kontra s-soċjeta' msemmija wkoll, iżda imbagħad ipproċeda biss kontra l-konjuġi Zammit personalment għaliex fil-frattemp, fi kliemu stess kien *'irregola ruħu'*.

Illi din il-Qorti fl-atti tar-rikors **"Tal-General Limited vs Kunsill Lokali Mosta"** (24 ta' Frar 2010) qalet illi: *"Mandat kawtelatorju jinħareġ biex il-kreditur iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tiegħu. (Artiklu 829 tal-Kap. 12). M'għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċjoe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu."*

Illi l-Qorti tħoss li f'dan il-każ Joseph Vella talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat kontra s-soċjeta' rikorrenti biex jagħmel pressjoni fuq id-debituri tiegħu *tramite* pressjoni fuq is-soċjeta'; huwa kien jaf ben tajjeb li l-kreditu tiegħu huwa kontra l-konjuġi Zammit personalment għaliex joħroġ (dejjem fi kliemu stess) minn skrittura ta' kostituzzjoni ta'

debitu tad-29 ta' Jannar 2011. Allura kien jaf li ma kellu ebda kreditu fil-konfront tas-soċjeta' msemmija. Fis-sentenza tagħha fil-vertenza fl-ismijiet **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (20 ta' Ottubru 2005) din il-Qorti qalet illi *"il-mandati m'għandhomx jintużaw bħala magna ta' estorsjoni iżda bid-debita prudenza u l-abbuż jista' u għandu jiġi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali".*

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u *ai termini* tal-Artikolu 858 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lil Joseph Vella jħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' elfejn (€2,000) Ewro bħala penali.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-istess Joseph Vella.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------